MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 105/2015

**Inspirations Limited (C-41431)**

**Vs**

**Cleaning Security Services Limited (C-60063)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta’ attrici ppremmettiet illi:

Is-Socjeta’ attrici titlob lil dana t-Tribunal sabiex jikkundanna lis-Socjeta’ konvenuta thallas lill-istess attrici s-somma ta’ elf mitejn u erbgha u erbghin ewro (€1,244.00c) rapprezentanti xoghol mibjugh u servizzi rezi lilha mill-atturi fuq ordni taghha stess.

L-imghax u l-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali Numru: 1930/14.

Ra mill-atti illi s-Socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-02 ta' Marzu, 2015 mill-Avukat Dr Adrian Camilleri u l-fatt li s-Socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li s-Socjeta' konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici fl-ammont ta' elf mitejn u erbgha u erbghin ewro (€1,244.00c), u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitlub fl-Avviz tat-talba.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------